MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2013

Rikors Numru. 230/2013

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi hija zzewget lill-intimat fil-25 ta’ Marzu 1995 (Certifikat taz-zwieg anness u markat Dok. A).

Illi l-partijiet tterminaw il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom permezz ta’ kuntratt ppubblikat in atti Nutar Dottor Joseph Debono fl-4 ta’ Marzu 2002 (Kopja annessa Dok. B) kif ukoll resqu ghas-separazzjoni personali taghhom permezz ta’ kuntratt ippubblikat in atti Nutar

Dottor Mario Rosario Bonello fis-7 ta' Ottubru 2004 (Kopja annessa Dok. C).
Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla jisimha FB li illum ghandha tmintax-il sena.

Illi l-partijiet irrinunzjaw reciprokament mid-dritt rispettiv taghhom illi jitolbu jew jircievu l-manteniment minghand xulxin.

Illi sal-lum ghaddew aktar minn erba` snin mid-data li fiha l-partijiet ilhom jghixu separatament minn xulxin u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Talbet sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara li z-zwieg taghha mal-intimat Richard Gauci bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u sabiex tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi, u dankollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Mejju, 2013;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ipprezentax risposta u ma deherx ghas-seduta iffissata mill-Qorti;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-7 ta Ottubru 2004 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut u illi ulied il-partijiet illum ghandha tmintax (18) il-sena;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------